# Leħen il-Malti

MAĦRUĠ

MILL-*GĦAQDA TAL-MALTI* (UNIVERSITÀ)

The Royal University of Malta

**ĦARBTUNI U ĦAQRUNI**
**U AKTAR KIBRET FIJA L-QAWWA**

**Ir-Raba' Sena** **Awissu 1934** **Għadd 42**

Mitbugħ fl-"Empire Press" 266, Strada San Paolo — Il-Belt

# LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

AWISSU 1934] IR-RABA' SENA [Għadd 42

# IL-MALTI FL-EŻAMIJIET

Fl-aħħar għadd ta' *Leħen il-Malti* għidna f'liema friegħi għandu jinfirex tagħlim il-Malti u kif għandu jitqassam fl-iskejjel. Iżda xejn ma jiswa li jkollok programm ta' tagħlim maħdum u mqassam bir-reqqa u bil-għaqal kollu, xejn ma jiswa li jkollok surmastrijiet imħarrġin tajjeb fit-tagħlim, jekk it-tagħlim ma jkunx imsaħħaħ mill-eżamijiet u minn eżamijiet li ma tistax tgħaddi mingħajrhom. L-eżamijiet huma l-qofol, is-saħħa, il-ħajja tat-tagħlim. Neħħi l-eżamijiet, u t-tagħlim, għat-tfal u għaż-żgħażagħ ukoll, isir ħaġa mejjta, bla ebda fejda. U dan narawh b'għajnejna. Fil-Liċeo jsir it-tagħlim tal-Grieg u tat-Tedesk, li nkunu nafu x'jiswew meta nikbru u ngħaddu 'l quddiem fit-tagħlim. Madankollu min jitgħallem dawn l-ilsna? Ftit li ħadd. Għaliex? Għax mhemmx eżamijiet ta' bil-fors, li jġagħluk, trid jew ma tridx, tagħti ruħek għal dak it-tagħlim.

Għalhekk jekk irridu li tagħlim il-Malti jkollu dik il-fejda li għaliha daħal fl-iskejjel, jaħtieġ li l-eżamijet isiru ta' bil-fors u mhux ikunu merħijin f'idejn l-istudent li jista' jagħmilhom jew ma jagħmilhomx. Jiġifieri għal xi impjegijiet tal-Gvern l-eżami tal-Malti għandu jsir bil-fors bħall-eżami tal-ingliż, inkella jiġri, bħal ma ġara, li ż-żagħżugħ jagħżel għall-eżami suġġetti oħra, li għalih huma eħfef mill-Malti, u l-Malti bil ftit il-ftit jibqa' barra għal kollox. U mingħajr eżamijiet it-tagħlim imut. Jekk iż-żagħżugħ ma jħossx ma' saqajh l-eżami, ftit li xejn iħabbat rasu bit-tagħlim; u hekk it-tagħlim tal-Malti jieqaf nofs triq, jieqaf bla ma jkun laħaq xerred f'moħħ it-tifel il-ġid kollu li għandu fih.

Skond il-fehma tagħna l-eżami tal-Malti għandu jkun ta' bil-fors għal dawn l-impjegijiet.

Għall-assistenti u surmastrijiet tal-iskejjel tal-Gvern. Irraġuni jifhimha kullħadd. Jekk dawn is-surmastrijiet għandhom igħallmu l-Malti, jeħtieġ li qabel ikunu tgħallmuh huma.

Għal xi postijiet taċ-ċivil. L-iktar għal l-iskrivani tal-Qorti u għal xi uffiċċi tal-Pulizija.

Għal dawk li jridu jieħdu l-professjoni tal-Liġi, Avukati u Nutari. Dawn ukoll fix-xogħol tal-professjoni tagħhom jew fix-xogħol tal-impieg tagħhom fil-Qorti jkollhom jiktbu dokumenti bil-Malti, ta' ħtieġa l-aktar kbira, u li jintrefgħu biex kullħadd, imqar wara mijiet ta' snin, ikun jista' jaqrahom.

Mela jidhrilna li l-Malti għandu jidħol bħala suġġett ta' bil-fors fl-eżamijiet taċ-ċivil u tal-Pulizija, fl-eżamijiet tal-matrikola ghal dawk li jridu jsiru assistenti jew jieħdu l-professjoni tal-Liġi.

B'hekk irridu nuru, bħalma dejjem urejna, li fil-fehmiet tagħna fuq tagħlim il-Malti ma għandna l-ebda għanqbuta. Kull ma jsir għal-Malti, jew isir sewwa, b'għieħ tal-Malti u tagħna l-Maltin, jew ma jsir xejn. Dak li ħassejna, dejjem għidnieh bla ħabi u bla tagħwiġ, u hekk nibqgħu nagħmlu bil-ħsieb m'hux li nindaħlu jew niġġieldu, iżda li ngħinu u li naħdmu għal ħutna l-Maltin.

# GĦADAM TAJJEB

Hekk in-nies ta' Wied-Ilma kienu jsejħu lil żewġt ixjuħ għakka tar-raħal li,għalkemm kienu bil-grizma aktar minn darba, kienu dejjem jirxuxtaw u jerġgħu jmekku mat-triqat. U tabilħaqq dawn iż-żewġt ixjuħ, il-wieħed mlaqqam Ċanu u l-ieħor iż-Żirka, donnhom kellhom sebat erwieħ kif ngħidu għal-qtates. Darba waħda, xi għaxart ijiem wara li kienu ħelsuha minn ħalq il-mewt, marru l-ħanut tal-Boqloq jixorbu qatra bis-saħħa ta' xulxin. Kien fihom għors dawn iż-żewġt ixjuħ li kienu jħossu ruħhom barranin fost nisel ieħor ta' nies żgħażagħ, u li kienu saru ħbieb bħal baħrin ta' dgħajsa waħda meħlusin mill-għarqa. B'minkbejhom fuq mejda twila, b'żewġ tazzi tan-nofs quddiemhom iħammru bl-imbid jilma fid-dawl tal-lampa, u ħafna qxur tal-karawett fejn saqajhom, bdew ifakkru lil xulxin kull ma kien għadda minn għalihom. Fost ħwejjeġ oħra Ċanu qal liż-Żirka: "U hekk, ħabib, ġebbed minn hawn u ġebbed minn hinn, għadna mal-ħajjin. Kos, kemm nies marru qbilna. Tiftakarhom lil Wiżu tax-Xanda, lil Peppi tal-Ħamraman, lil Kieli tar-Rewrew u lil Toni tal-Maqnuq? Min jaf kemm kilna flimkien, u issa, balleċ, l-anqas wieħed ma baqa' ħaj! Aħrab il-lum u aħrab għada sa fl-aħħar tmiss lilna wkoll. U jaħasra martek Ċikka kif inqerdet ħesrem? (Bejnietna Ċikka meta mietet kellha ħamsa-u-sebgħin. Imma billi Ċanu u ż-Żirka kienu għalqu d-disgħin, dehrilhom li Ċikka mietet żagħżugħa). Iż-Żirka qagħad jisma' l-sieħbu bl-akbar dehwa, donnu kien qed jissamma l-ġrajja ta' ħbiebu, xjuħ oħra bħalu mejta, mid-dinja l-oħra. U l-isem ta' martu firixlu quddiem għajnejh biċċa kbira mill-ħajja tiegħu, l-isbaħ ħolm ta' żogħżitu, ħolm li kien ifuħ daqs il-qasrija qronfol minsuba f'ħoġor it-tieqa, tal-Ġiżwi, missier Ċikka.

"Eh, ħabibi Ċanu," wieġeb iż-Żirka, "il-lum jew għada jkollna nparpru", u dak il-ħin donnu biex itaffi l-imrar ta' ruħu bexx xuftejh b'żewġ belgħat inbid waqt li ssokta jgħid "għax tgħix kemm tgħix trid tmut. U fl-aħħar miet Abram li, kif smajthom igħidu fil-priedka, għâx snin daqs kemm hemm ramel f'xatt il-baħar, aħseb u ara aħna".

"Hekk sewwa qed tgħid" wieġeb iċ-Ċanu, "imma dak ir-raġel li semmejt, Abram, mhux snin kellu daqs kemm hemm ramel imma tfal, għax jien ħajtu kont smajtha minn għand Dun Kustanz."

—"Iva e!" stagħġeb iż-Żirka "imsejken ta' raġel mela kif rabbiehom daqshekk tfal! Jien bil-kemm stajt ingħajjex il-ħdax-

il-tifel u seba' bniet li kelli. Imsejken raġel u aktar u aktar imsejkna martu. Min jaf kemm kien ikollhom xi jgħidu nıela! U mbagħad il-kliem reġa' waqa fuq mart iż-Żirka li meta kienet għadha xebba fuq tagħha kienu jsejħulha "Ħaddejn il-Warda"; l-aktar iż-żgħażagħ subien li kienu jgħaddu ljeli jgħannulha taħt it-tieqa tal-għorfa tagħha. Wiż-Żirka fakkar lil ħabibu kif kien ħabbha l-ewwel darba, kif wasslilha l-qolla d-dar u mbagħad bagħat joħtobha ma' mara ġara tagħha. "Dak kien żmien", wieġeb iż-Żirka, donnu nesa d-disgħin sena fuq dahru "fl-għaxija qabel ma żżewwiġna kont nishar għandhom, inqatta' l-ħin fil-ħrejjef jew ngħannu fuq il-kiterra. Imma ħej mita wasalna biex intejġu l-ftira għaqdet għax kellna mmorru għand l-arċipriet ħalli jistħarriġna fid-dutrina. Dik biċċa li ġratli! ħsibt li l-arċipriet ma kienx sa jatini niżżewweġ għax fost l-oħrajn għamilli din il-mistoqsija: "Taf tgħidli l-Knisja biex tingħalaq?" U jien, Ċanu, duttrina ftit li xejn kont naf, għax dejjem l-għalqa nikser jew naħsad jew niżra; u għalhekk weġibtu "Sur arċipriet, il-knisja tingħalaq bl-imfietaħ u l-istaneg". Trid tara mbagħad x'ħasla tani l-arċipriet, kif waqqagħli wiċċi fl-art "U ma tistħix" qalli "mela ma tafx li l-Knisja tingħalaq bil-Fonti tal-Ilma Mbierek!" "Kos, jien bħalek kont ngħidlu", wieġeb Ċanu "aħna n-nies ta' l-art ma aħniex nies ta' l-għerf. U Ċikka, Alla jaħfrilha, kif ħelsitha miegħu?". "U kif ridtha teħlisha", qabeż iż-Żirka "ġralha qaws ieħor bħali: Saqsieha l-Knisja ta' Alla biex titbajjad, u hi miskina wieġbithu, Sur Arċipriet, il-Knisja ta' Alla titbajjad bil-ġir u l-pniezel (1).. U l-arċipriet ta ħasla oħra lilha. Għax hu, Alla jaħfirlu, kien tar-ruħ ħafna, u kien jisbel jekk ma tkunx taf id-duttrina sewwa. Mela meta kont sa nersaq għall-ewwel tqarbina, ommi ħaditni għandu biex jistħarriġni "Ibni", saqsieni hu "kemm huma l-kmandamenti ta' Alla?" Ħamsa, sur Arċipriet, weġibt jien. U ħej ma riedx jatini nitqarben. Imma ommi, bħal kieku riedet iddewwi l-biċċa "Sur Arċipriet", qaltlu, "jaħasra tih jitqarben, id-dutrina jafha. Ma wieġibx tajjeb mhux għax ma jafx li l-kmandamenti ta' Alla huma sebgħa, imma għax jistħi". U ħej l-biċċa għaqdet aħjar, għax bewwiġna l-barra t-tnejn, u bagħatna nitgħallmu d-dutrina lili u l-ommi miegħi". Ċanu nfexx jidħak u mbagħad beda biex igħid xi ħaġa minn tiegħu hu wkoll. "Mela lili ma ġratlix biċċa oħra ma' dan l-arċipriet? Darba fil-quddiesa ta' l-ewwel inkun qed inqassat l-użarju u ngħid xi talb għal-erwieħ, u xħin kont qed ngħid xi ħaġa għal-mejtin "Gwerra eterna u għaks perpetwa, sinjur ħenn għalihom" (2), ma jdurx fuqi f'dik

(1) It-tweġiba għal mistoqsija ta' l'arċipriet kellha tkunhekk: Il-Knisja ta' Alla titbajjad bid-dija ta' l-Ispirtu Santu. Xi qodma għadhom jiftakru dutrina bħal din.

(2) Kliem imħassar mil-Latin *Requiem eternam u lux perpetua.*

il-ħemda kollha jgħajjat miegħi "X'int tbarqam u tgħid? Qed titlob għal-għaks? Mela ma hawnx għaks biżżejjed? U l-gwerra jonqosna!"

Iż-żewġt ixjuħ reġgħu bellu xuftejhom bl-inbid "Narrah imbierek kemm kien qalil dak l-arċipriet" qal iż-Żirka bejn daħka w oħra "Tiftakarx Ċan meta konna għadna żgħażagħ; jien kissirt ħġieġa mis-sagristija, u l-arċipriet ried jaf min kissirha minn għandek, u jien għaqqadtlek il-ponn minn wara biex ma tikxifnix?

"Ċan" qallek l-arċipriet għal tliet darbiet "Ċan, għid min kisser dik il-ħġieġa għax sa naqlagħlek widnejk u sa teħel b'kollox int." U int weġibtu "Fuq ruħi, sur arċipriet, ma nafx min kissirha l-ħġieġa, imma hu min hu, hu ż-Żirka! "Niftakar ingħid" wieġeb Ċanu, l-aktar b'dik ix-xeba ħatar li dliktli fuk dahri l-ewwel darba li ltqajna, ma nibqax niftakar!"

Hawnhekk iż-żewġt ixjuħ xorbu l-aħħar subgħajn inbid li kien baqgħalhom fit-tazza u qamu jitwieżnu fuq l-għasluġ tal-lumi biex jinġabru lejn darhom qajl qajl. U f'għajnejhom għad-dawl tal-lampa, kien hemm bħal demgħa ta' ħasra tleqq, donnhom b'dawn għajnejhom riedu jfissru lil xulxin: Min jaf nerġgħux niltaqgħu darb'oħra biex nidħaddtu fuq l-imgħoddi flimkien? Tgħid Dun Manwel għad jarġa' jagħmlilna l-griżma u jifirħilna meta jara li rġajna rxuxtajna, inwerrku bl-għasluġ mat-triqat tal-ħâra? Min jaf, għadam tajjeb aħna, imma fl-aħħar jasal l-aħħar għalina wkoll.

"Il-lejl it-tajjeb, Ċan!"

"Il-lejl it-tajjeb Żirk!"

Wiż-żewġt iħbieb infirdu minn xulxin ihewdnu fuq l-imgħoddi.

Gużè Aquilina.

# GĦANJA TA' ŻMIEN TFULITI

Għanja ta' żmien tfuliti
midfuna fil-warrani,
dal-lejl x'mar ifettillek
leħnek tarġa' ssemmagħni ?

Tassew li ġid għamiltli
għax għasel sar ingħasi,
imma x'ħin qomt u bqajtli
iddamdam ġewwa rasi.

O kemm o kemm ġagħaltni
nixxennaq dak li mar,
tixniq li biss ikattar
f'qalbi sal-lum l-imrar !

Aħfirli jekk illumek.
Imma minn dak iż-żmien
o, kif kollox inbidel !
m'għadniex, lê, għal ħlimkien.

Sena sejħet lil l-oħra,
sirt raġel, bdejt nixjieħ,
tgħallimt, li d-dinja ħrafa,
bla ebda ħajr jew ġieħ.

Waqt l'inti għâdek bħal qabel
kollox għall-ħajja sliem,
għâdek dejjem fil-bidu:
jien għoddni wsalt għat-tmiem.

Għanja ta żmien tfuliti,
ħallini, mela, mur ;
bid-damdim tiegħek f'rasi
l-imrar ġo sidri jfur !

Taf meta nkun irridek ?
nitolbok tonqosnix ;
meta tasal is-siegħa
ta mewti : tħallinix !

Ħennini f'dik is-siegħa
bħal mita fit-tfulija,
sabiex in-ngħas ta' dejjem
ikun serħan għalija.

C. M. B.

# META NIŻEL L-AJRUPLAN

Aktar minn wieħed li jiġi f'idejh "Leħen il-Malti," naħseb li jkun qara wkoll lil ħuh l-ieħor, "Il-Malti" ta Marzu 1933, u jista' jkun li kellu is-sabar jaqra mqar biċċa minn dak li hemm miktub fuq il-Qabar Lhudi-Nisrani. Għedt dan, għax il-ġrajja li ġejja, ġrat fiż-żmien li jien kont għadni ngħammar f'dak id-dejr l-abjad li semmejt hemmekk.

Mela, għall-aħħar jiem ta' Awwissu tas-sena 1929, għal għarrieda nfexxet ġlieda kbira bejn il-għarab u l-lhud, fil-Palestina. Kull jum, f'dak id-dejr fejn konna qegħdin, kienu jaslu ħbarijet ġodda fuq li qiegħed jiġri f'Ġerusalemm, Hebrôn u Ġaffa. Kull lejla, minn fuq il-bejt, konna naraw xi raħal ta' lhud jinħaraq. Meta l-għarab ħabtu għal Holda u ħarquha, smajna sat-tifqigħ tal-ibwieq (1); u meta ħabtu għal Kafr-Urja, li hi ħdejna, m'hux it-tifqigħ biss smajna, imma l-għajjat tan-nies ukoll.

Aħna konna f'dak id-dejr, fil-barr, weħedna. Konna b'kollox sbatax-il-ras: tliet rahbiet, għaxart itfal, qassis u tliet irġiel. Kull lejla konna nistennew li jaħbtu għalina wkoll, billi, jew jaħsbuna lhud tassew, jew jagħmlu ta' bir-ruħhom ħasbuna. U m'hux aħna biss konna nistennew dan, għax l-ingliżi kull sebħ kienu jibagħtu ajruplan idur dawwara mejt mad-dejr, għal darba tnejn, jara hux kollox sew, u jarġa l-ura.

Kien mela f'daż-żmien li qegħdin insemmu, li żewġ ajruplani li kienu jtiru fuq Wadi s-Sarâr, sejrin minn Għażża għal Ġerusalemm. Kif għaddew id-dejr, wieħed minnhom niżel u waqaf f'għalqa fi truf il-wied.

Il-qassis, bil-għaġla, ħejja l-*lorry*, għajjatli, irkibna, hu u jien, u ż-żagħżugħ taljan li jsuq, u tlaqna. Qsamna l-egħlieqi, bil-*lorry* b'kollox, għax hawn ir-raba' bla ħitan, u sibna ruħna ħdejh.

Imma l-ajruplani tnejn kienu, m'hux wieħed. Wieħed wieqaf għal kollox u l-ieħor wieqaf ukoll, bid-dewwiema ddur qajl-qajl. U tnejn ukoll kienu l-ingliżi li wieqfin ħdejhom. "Ġralkom xi ħsara?" saqsejthom jien bl-ingliż. "Id-dawwara (2) ltwiet ftit," qalli wieħed minnhom. Jekk nistgħu ngħinukom f'xi ħaġa, għal kemm tgħidulna," irġajt jien. "Naħseb li nista' ntir sa Ramleħ, u nħabbar hemmekk, qalli l-ieħor, waqt li t-tnejn tbegħdu ftit u bdew jerfgħu l-ħaġar il-kbajjar li jsibu f'nofs il-għalqa, u jarmuh, wieħed lejn il-lemin, u l-ieħor lejn ix-xellug.

Imbagħad reġgħu l-ura. Wieħed tala' fuq l-ajruplan, u l-ieħor qabad wieħed f'kull id iż-żewġ imqabad tal-ħabel li kienu mdendla fil-ġwienaħ tiegħu. Id-dawwiema żiedet fid-dawrien, bdiet tvenven, u l-ajruplan dar qajl-qajl ma' l-Ingliż li kien iżommu minn ġwienħu. Malli wiċċu kien sew lejn il-għarb, telqu, u beda jiġri, iqajjem ir-riħ, u jtajjar degħbien ta' trab u ntietef tat-tiben, milli kien hemm fil-għalqa. Tbiegħed, u rtefa' mill-art, u beda jogħla u jiċkien, jogħla u jiċkien, sakemm sar daqs għasfur. Sar tikka. Ħin wieħed u ma deherx izjed.

Malli l-ajruplan għab, l-Ingliż ġie ħdejna li konna wieqfin fejn l-ajruplan l-ieħor. Saqsejnieh kif kienet ġratlu il-ħsara, u hu wieġibna li meta kien fl-ajru, intebaħ li l-makna kienet tagħmel xi ħoss għarib. Ma żżardax jibqa tajer. Ħares l-isfel u ra dik l-għalqa witja u niżel fiha; waqqaf il-makna u fittex x'kienet il-ħtija ta' dak il-ħoss li sama' fuq. Sab li kienet brima (3) merħija. Rassha, u raġa' qabad sa jtir.

Imma billi hu minn ġewwa l-ajruplan ma satax jara quddiemu, hu u jiġri, ħabat ma' ħaġra kbira, ltwiet id-dawwara, u l-ajruplan għal ftit ma nqalibx. Għalhekk, waqqaf u niżel. L-ieħor li kien fl-ajru fl-ajruplan l-ieħor, niżel jara x'kien ġralu; u l-bqija nafuh.

Qalilna wkoll li kien għadu kemm ġie l-Palestina, fejn kellu joqgħod għaxart ijiem. Kien ġej minn Malta. Minn Malta! Meta smajt dan, qalbi għamlet tikk! Dak iż-żmien kien ili msiefer fuq id-disa' snin, u l-Malti wieħed li kien ftit qrib minn fejn kont jien, kien ilu x'erba xhur li siefer. Kont mnikket għalih, għax kont immur inżuru, darba jew tnejn fix-xahar, u nqatta siegħa miegħu, nitkellem b'ilsien art twelidi.

"Jien Malti!" wieġibt. "Ħudni miegħek Malta!".

Għedt hekk, biċ-ċajt; imma billi qalbi kienet ħasset, il kelma ħarġet bħal kieku bis-sħiħ; għalhekk, il-qassis u t-taljan li kienu hemm bdew jidħku.

Il-ħin għaddej, u aħna nitħaddtu fuq ħaġa u oħra. Smajna żanzin ħafif li kull ma jmur joktor. Deher ajruplan fl-ajru, wasal, dar żewġ dawriet fuqna, biex jara hux kollox sew, u reġa' l-ura. Għadda ftit tal-ħin u ġie ieħor, li tbaxxa fuqna. L-Ingliż li kien fih, telaq ħaġra mgeżwra fi xkaka (4); l-ieħor refagħha u qara li kien fiha. Il-għarab li kienu l-dik in-naħa, jaraw l-ajruplan f'nofs il-għalqa, bdew ġejjin il-hemm, u waqfu jħarsu. Ġew ukoll żewġ qassisin Salesjani minn Bejt-Iġmâl. Qagħdu ftit jitkellmu magħna, u reġgħu marru.

Għadda ftit tal-ħin, u reġgħu ġew żewġ ajruplani oħra. Wieħed baqa' fil-għoli, idur dawwara mejt, u l-ieħor tbaxxa wasal fuqna, u l-Ingliż li fuqu, telaq bħal biċċa xoqqa, twila u dejqa, b'żewġ lewnijet minn tulha, isfar u aħmar-dagħmi u mar. L-ieħor refagħha, ħall tarfha, ħa r-rsul li kien fiha, u qrah. Meta qrah wiċċu tqarras. Imbagħad tala' fuq l-ajruplan, għatta l-makna b'biċċa xoqqa mxemmgħa (5), u libbes bl-imxemmgħa wkoll iż-żewġ ilwieħ tad-dawwiema, u niżel ħdejna. Il-qassis li kien magħna, qalli ngħidlu li hu kien sa jmur id-dejr, jibgħatlu xi ħaġa għall-għaxa. L-Ingliż iżżieh ħajr. Il-qassis u t-taljan rikbu l-*lorry* u jien bqajt hemmekk.

Issa kien beda jidlam, u l-għarab li kienu nġemgħu, ftit ftit, marru; baqa' biss wieħed raġel, m'hux għarbi, grieg, minn Kipru, li kien jaħdem fil-bini tal-Knisja l-ġdida ta' Bejt-Iġmal. L-Ingliż minn ġewwa l-ajruplan ġieb żewġ imħaded tal-ġild, u bħal bużżieqa imdawwra li hu nefaħha quddiemna u saret għamla ta' *life buoy.* Qgħadna bil-qegħda kif stajna, tnejn fuq l-imħaded u wieħed fuq il-ħalja bużżieqa u qbadna nitħaddtu bħal tliett iħbieb, għal kemm dik kienet l-ewwel darba li rajna l-xulxin.

Fuqna, s-sema sajfi, lewn ikħal dagħmieni, b'dik ir-raxxa kwiekeb kbar u żgħar, ipetptu. Iġbla quddiemna, u iġbla warajna. Lejn il-għarb, wilġa kbira kbira, ħalja mis-siġar, li minn nofsha jgħaddi Wied is-Sarar. Ebda ħoss ma kien jinstama', ħlief waqtijiet, it-tħaxwix ħafif ta xi troffa xewk imħarrek minn xi fewġa bierda ta filgħaxija.

L-Ingliż beda jgħidilna fuq London, għax hu kien minn hemm, u f'Malta ma kienx qagħad ħlief ftit jiem qabel ma telaq għal Palestina. Fissrilna kif jieħdu it-tè x-xadini fiz-*Zoo*, jew ġnien il-bhejjem; kif jifirxu l-mejda, u jistagħlmu (6) r-rqaqat kollha, bħal bnedmin. Kif it-tfal Ingliżi jixħtu l-ħut lill-wiżż, biex jarawh jogħdos għalih fil-għadira. Kif wiżża minnhom, meta t-tfal jarmu l-ħuta, kienet ittir u taqbadha fl-ajru, u t-tfal jaraw dan jifirħu, jgħajjtu u iċapċpu jdejhom. U ħwejjeġ oħra, li juru li kien ħsiebu aktarx f'London, u fid-dar tiegħu, u f'min ħalla fiha, kif dejjem jiġri lil kull min isiefer l-ewwel darba.

Il-kliem fuq il-bhejjem kien waqa' hekk: ftit fil-bogħod minn fejn konna qegħdin, kien hemm bejta xewk kbira, u hi u titħarrek fir-riħ, il-grieg fid-dlam ħasibha debagħ, jiġifieri, dbiba tal-barr, tixbaħ lill-kelb, li fil-Palestina hemm minnhom wisq, joħorġu bil-lejl, u jaħbtu għal min isibu, bniedmin u bhejjem, barra minn qabil il-fart. Did-dbiba

tibża' min-nar, għalhekk, ġbarna ftit tiben u xewk, u kebbisnieh, biex jekk kien tassew debagħ, jaħrab. Meta għarafna li kienet xewka, qgħadna u fehemtu x'kien id debagħ; meta fehemni, qalli li kien ra' bħalha fiż-*Zoo*, u hekk semma wkoll il-wiżż u x-xadini.

Ftit wara, l-*lorry* ġiet u ġew fiha l-qassis u ż-żagħżugħ taljan. Ġiebu magħhom il-għaxa għall-ingliż u għalija, u bħal sodda tal-għewwied, biex l-ingliż jistrieħ fuqha. Wara li qdejna l-ġewwieni u għitna, qgħadna nitħaddtu ftit fuq it-tajran, u l-ingliż semma t-tiġribiet li kien rahom isiru f'London, għattiġrija li kellha tkun f'dak ix-xahar, għar-rebħa tal-kies ta' Schneider.

Għal xi l-ħdax ta' bil-lejl, il-qassis qatagħha li aħjar norqdu. L-ingliż ried li hu ma jorqodx, biex jagħmel l-għassa ma' l-ajruplan, imma l-qassis qallu jistrieħ bis-sliema, u l-għassa nieħdu ħsiebha aħna. Għalhekk l-ingliż irtaka fuq is-sdejda tiegħu; il-qassis ġieb l-imħadda ta' fejn jokgħod min isuq il-*lorry*, u mtedd fuqha; it-taljan u jien, warrabna ftit iż-żrar, frixna kull wieħed patanija, u mteddejna wkoll; il-grieg mar jorqod għalih fuq il-*lorry*.

* * *

Kollha kienu jieħdu n-nifs ta' rieqdin, imma jien ma setgħet għajni tmur bija; il-ħin kollu nitqalleb minn ġenb għall-ieħor, u inħares minn taħt l-ajruplan, fejn konna mimdudin, għax, fil-bgħid il-bgħid, in-naħa tal-baħar, minn waqt għal waqt, kien jidher bħal beraq ħafif, jiddi ħin wieħed u jintefa. Fl-aħħar iddejjaqt mimdud. Qomt qajl-qajl biex ma nqajjemx lill-oħrajn, u mort uqaft in-naħa l-oħra ta' l-ajruplan, inħares lejn dak il-ħali ta' beraq.

X'ħaġa! Kull ma jmur il-beraq kien joqrob! u drabi ma jintifiex f'daqqa, imma jitmewwet ftit-ftit. Kien gej in-naħa tagħna mal-wied-il-wied. Meta qorob sewwa, qajjimt lill-ingliż u għedtlu li kien ġej dawl in-naħa tagħna.

Qam u waqaf iħares. Ftit wara beda jistama' tħarħir ta' xi *motor*. Mbagħad bħal xrara nar żiġġet il-fuq minn qiegħ il-wied u nfexxet fl-ajru bħal kewkba kbira bajda, imdawwra bi ġmiel ta' dijja, li dawwlet il-wied u l-iġbla ma'd-dwar. Il-qassis u x-xebb it-taljan qamu u ġew ħdejna.

L-ingliż tala' fuq l-ajruplan, ġieb xi ħaġa, refagħha l-fuq u stemgħet tifqiegħa. Xrara nar rtefgħet il-fuq u nfetħet f'kewkba kbira u sabieħa, ta' lewn ħadrani. Wieġbu dawk li kienu ġejjin b'kewkba oħra ħadra min naħithom; imbagħad

deher il-*motor* miexi gewwa l-egħlieqi. Kellu fuku żewġ *search-lights* jew dwal fittiexa, li xeħtuhom fuqna biex jarawna sew.

Imma huma kienu il-hemm mill-wied, u ma kienx hemm trieq biex isuqu għal ħdejna: għalhekk niżlu tnejn min-nies u ġew lejna miexjin. Il-qassis u jien morna n-naħa l-oħra tal wied, irkibna l-*motor* u wrejnihom minn fejn setgħu jgħaddu għal ħdejn l-ajruplan.

X'ħin wasalna u nżilna, wieħed ingliż imdaħħal fiż-żmien li kien jidher ir-rajjes tagħhom, ġie ħdejja, ħadli b'idi w qalli "Smajt li int Malti". Iva tassew, wieġibtu; "Nizzik ħajr ta' kull ma għamilt ma' Captain Phillips, u jekk xi darba tkun in-naħa ta' Gażża, għaddi arana!" Izzejtu ħajr u għedtlu li jekk inkun il-dik in-naħa ma nonqosx.

Erba' ngliżi baqgħu għassa ma' l-ajruplan, u l-oħrajn rikbu w marru. Kienu xi t-tlieta ta' bil-lejl, u aħna ġarrabna norqdu ftit-ieħor, imma ngħid għalija kien kollox għal xejn, għax ma stajtx nitnigħes.

* * *

Meta beda jbexbex id-dawl, qam kulħadd. Il-qassis kellu jitla' jqaddes fid-dejr, u t-taljan u jien tlajna miegħu. Wieħed ingliż ġie magħna wkoll, biex jieħu li jeħtieġ għat-tiswijja ta' l-ajruplan.

Wara l-quddies għabbejna fuq il-*lorry* il-għodda, u l-għawied li ried l-ingliż, u morna. Sibna miġmugħa qatigħ għarab ma' dwar l-ajruplan, u xi qassisin minn Bejt-Iġmâl, li hi qrib. L-ingliżi għamlu gods ħaġar, u dak li kien ġie magħna d-dejr, qigħed il-"jug" fuq il-gods, u rafa' bih l-ajruplan u lewa ġewnħha 'il-wara. Imbagħad baqgħu jistennew sa ma jiġi l-*motor* minn Gażża, li kellu jġib dawwara ġdida, biex ibiddlu dik li kienet tgħawwġet, għax ma tissewwiex.

Jien kelli x'nagħmel, u ma stajtx noqgħod hemm il-ħin kollu; għal hekk bil-qalb il-tajjba rġajt lejn id-dejr. Għal xi l-ħdax tlajt fuq il-bejt fejn kien hemm ukoll il-qassis, iħares bin-nadur (7) il-ġliba nies fil-bgħid, fil-wied, ma' dwar l-ajruplan li l-ingliżi kienu qegħdin isewwuh. Imbagħad rajna jqum dabgħien trab, bħal duħħan, u minn nofsu tela' l-ajruplan Dar żewġ dawriet fl-ajru fuq in-nies, u ġibed lejn id-dejr. Wasal fuqna, u Captain Phillips minn ġewwa fih, xejjrilna bil-maktur, u ġibed lejn Ramleh, u aħna nżilna isfel.

Hekk dil-ġrajja għaddiet ukoll, bħal ma jgħaddu l-ġrajjiet kollha, imma jien għadni ma nsejtx għal kollox dak il-ġmiel ta' lejl li għaddejt, meta niżel l-ajruplan

L. C.

(1) Buq, dari—xkubetta. (2) Dawwara—ruota. (3) Brima—vite.
(4) Xkaka—carta. (5) Xoqqa mxemmgħa—tela cerata.
(6) Stagħmel, jistagħmel—usare.
(7) Nadur—dak li tara bih, jew minnu, hawn—binoculo.

# ĦREJJEF QODMA

Hawn Malta u Għawdex, bħal artijiet oħra, għandna ħafna ħrejjef qodma, li mhux ta' min iħallihom jintilfu. Ħafna minnhom ilhom li ntilfu, oħrajn qegħdin jintilfu. Tisma xi xiħ igħidlek: Kien igħid missieri.... dan u dan; imma ma jafx il-biċċa kif kienet sewwa; jogħtik x'taħseb biss li dik darba kienet ħrafa sabiħa li l-lum intsiet. U hekk intilfu ħafna ħwejjeġ li satgħu jkunu ta' dawl kbir għall-istorja ta' ġensna. Għax l-istorja ta' Malta, tista' tkun magħrufa wisq aħjar b'xi qlajja qodma u ħrejjef bħal dawn, billi d-dokumenti ta' l-istorja huma aktarx miktuba millbarranin, li ma kellhom ebda ġibda u rabta ma' Malta. Il-Maltin, sa minn dejjem maħkumin minn ħaddieħor, qatt ma satgħu jedukaw ruħhom kif jixraq lil popln ċivil; u biss f'dawn l-aħħar żmenijiet, wara li twaqqfet l-Università, satgħu huma jagħmlu "kuxienza nazionali" u xtaqu jfakkru ġrajjiethom.

Għalhekk aħna ħsibna li nġibu, k'jista' jkun sa l-inqas waħda, dawk il-ħrejjef imxerrdin ma' gżirietna, hekk kif joħorġu minn fomm il-poplu, minngħajr ebda tibdil ta' xejn. Dan ixxogħol qabdu jagħmluh oħrajn qabilna; iżda billi dan mhux xogħol ta' wieħed waħdu, ma' waslux biex iġibuhom kollha. Għalhekk aħna nistiednu dawk il-ħbieb tal-Malti kollha li jinsabu mxerrdin ma' Malta u Għawdex, biex jiktbu huma nfushom dawk il-ġrajja li jafu jew jisimgħu, u jibagħtuhomlna; u aħna mbaghad wara t-tgħarbila (kritika) meħtieġa inġibuhom fuq dan il-perjodiku.

Wigi Portelli

28 ta' Lulju 1934

# TAGĦRIF

## KOTBA LI BAGĦTULNA

Comm. Alf. M. Galea, *Tagħlim tal-Appostli*, is-sitt ktieb. Fih fil-qosor l-istorja tal-bidu tal-Knisja, jiġifieri, il-ħedma tal-Appostli, u l-aktar ta' S. Pawl, fit-twaqqif tal-Knisja.

*The Teacher*, Lulju 1934. Fih beda joħroġ bil-Malti d-dramm "*Il-Fidwa tal-Bdiewa*" tas-Sur Nin Cremona.

M. Agius—Is-SS. Salvatur f'Malta—pp. 56, Dar ta' S. Ġużepp.

| Tisħib |
| --- |
| 6d. kull sitt xhur<br>1s. kull sena<br>Kopja waħda sold<br>Għal barra minn<br>Malta id-doppju. |

## INFAKKRU

l-imsehbin li għadhom ma ħallsux biex jibagħtu l-Empire Press il-ħlas tagħhom, u dawk li għandhom jagħtu aktar minn sena nergħu nitolbuhom, bħalma tlabniehom bosta drabi, jħallsu jew, jekk ma jridux jibqgħu msehbin, ireggħu dal-ktieb lura mal-ħlas tal-warrani.